# Il-Kappillan Dun Feliċ Calleja - 175 sena minn mewtu

Minn Ivan Scerri

Min jaf kemm-il darba għaddejna mit-triq id-dejqa ta' quddiem ir-Rotunda, Triq il-Kurat Calleja? Fostna l-Mostin din it-triq hi magħrufa wkoll bħala t-triq ta' l-iskola. Ħafna snin ilu dar kbira f'din it-triq kienet tintuża bħala skola primarja tal-Mosta. Qabel din it-triq kienet iġġib l-isem ta' Strada Chiesa jew Triq il-Knisja.

Kien tassew ħsieb għaqli li wara li tlesta l-bini tar-Rotunda, din it-triq ġiet imsemmija b'tifkira tal-Kappillan Dun Feliċ Calleja, il-fundatur tar-Rotunda monumentali tal-Mosta.



*Il-bust ta' l-irħam ta' Dun Feliċ li jinsab fir-Rotunda tal-Mosta*

## *Iben iż-Żurrieq*

Dun Feliċ Calleja twieled fir-raħal taż-Żurrieq fis-sena 1751. Wara li temm l-istudji tiegħu ġewwa Ruma u kiseb dottorat fit-Teoloġija, ġie ordnat saċerdot u ċċelebra l-ewwel Quddiesa tiegħu fil-Pantheon ta' Ruma. Jidher li kien iben ta' familja tat-tajjeb, biex f'dak iż-żmien tmur tistudja barra minn Malta.

Wara li ġie lura lejn art twelidu, serva bħala kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Balzan.

Kien fi Frar tas-sena 1797, l-aħħar żmien tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta, li l-Isqof Vincenzo Labini, ħatru bħala l-erbatax-il kappillan tal-parroċċa tal-Mosta. Interessanti l-fatt li Dun Feliċ, kien kappillan tal-parroċċa tagħna meta l-gżejjer Maltin kienu suċċessivament maħkumin mill-Kavallieri, mill-Franċiżi u mill-Ingliżi.

## *L-Imblokk tal-Franċiżi*

Żmien xejn sabiħ li seħħ tul il-parrokat ta' Dun Feliċ, kien żmien il-ħakma Franċiża. Il-gżejjer Maltin kienu mmexxija sa mill-1530 mill-Ordni ta' San Ġwann. Wara aktar minn 200 sena, il-poplu tagħna kien imxebba' bit-tmexxija tal-Kavallieri.

L-Ordni kien qed ibati minn nuqqas ta' flus. Ġara li meta faqqet ir-Rivoluzzjoni Franċiża, l-Ordni tilef il-ġid kollu li kellu ġewwa Franza. Minn ordni b'saħħtu daqs il-blat, beda jiżżarma minn jum għal ieħor. Kien hemm ukoll diżgwit intern kbir bejn l-istess kavallieri.

Kien f'Ġunju tas-sena 1798, meta flotta Franċiża mmexxija mill-Ġeneral Napuljun Bonaparte, fi triqtha lejn l-Eġittu, waqfet Malta u talbet li tingħata l-ilma. Il-Granmastru Hompesch ma kellux toroq oħra ħlief li jiġġieled jew li jċedi. Kien hemm diversi kavallieri li kienu riedu li l-gżejjer Maltin jgħaddu taħt it-tmexxija tal-Franċiżi. Ġara li bla tbatija ta' xejn Malta għaddiet f'idejn il-Ġeneral Bonaparte. Għall-ewwel il-poplu kien kuntent bil-Franċiżi, iżda ftit tax-xhur wara beda jara li se jkun agħar milli kien.

Il-gvern Franċiż ħareġ diversi liġijiet bil-ħsieb li jibdel il-ħajja Maltija, biex il-poplu jibda jgħix fuq il-mudell ta' Franza Rivoluzzjonarja. Saru liġijiet dwar il-kunventi tal-patrijiet u fuq il-ġid tagħhom. Mill-kunvent tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali tal-Belt, serqu kulma kien prezzjuż u wara għalqu l-kunvent.

Il-Patrijiet Agostinjani wkoll batew fi żmien il-ħakma tal-Franċiżi. Wara li serqu l-arġenterija kollha mill-Knisja tagħhom tar-Rabat (Malta), il-kunvent ġie magħluq. Kompla t-teħid ta' oġġetti prezzjużi mill-knejjes, fost l-oħrajn mill-Knisja Konventwali ta' San Ġwann tal-Belt Valletta. •

Nhar it-2 ta' Settembru 1798, numru ta' suldati Franċiżi telgħu l-Imdina bil-ħsieb li jirkantaw it-tapezzerija u ħwejjeġ rikki oħra mill-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu. Il-qiegħa bdiet tisħon sewwa, tant li numru ta' Maltin telgħu l-Imdina u waqqfu lill-Franċiżi mill-pjan li kellhom.

## *L-eroj Mostin*

Il-gżejjer Maltin ġew maqsuma fi tnax-il muniċipju. F'Ġunju 1798, in-Naxxar, Ħal Għargħur u l-Mosta ġew magħquda f'muniċipju wieħed.

Kienu diversi Mostin li tul il-ħakma Franċiża servew bħala suldati għad-difiża ta' Malta. Tul l-imblokk kienu diversi personaġġi li mexxew lill-poplu tagħna. Fost dawn kien hemm il-Kan. Franġisk Saverju Caruana (li wara sar isqof ta' Malta), in-Nutar Manwel Vitale, in-Nutar Zarb, Ċensu Borg 'Braret', Guliermu Lorenzi u Dun Mikiel Xerri.

Il-mexxejja tal-Maltin fost l-oħrajn kellhom pjan biex fit-12 ta' Jannar 1799, isir assalt fuq il-Franċiżi ġewwa l-Belt Valletta.

Kollox kien lest u meta dalam sew numru ta' suldati mill-battaljun tal-Mosta u Birkirkara, telqu bid-dgħajjes mill-Imsida u nħbew f'diversi mħażen fix-xatt ta' Marsamxett.

Il-Ġimgħa, il-Kap Vaubois ried li ssir opra fit-Teatru Manoel. Għal din l-opra marru diversi uffiċjali Franċiżi, kif ukoll iċ-Ċittadini Boudard u Roussel. Wara li spiċċat l-opra, Boudard u Roussel niżlu Marsamxett biex bid-dgħajsa jmorru lura lejn il-Forti Manoel.

Iżda ġara li dehrilhom li semgħu xi ħsejjes fil-qrib. Kif waslu fil-Forti, Roussel flimkien ma' xi suldati marru lura x-xatt biex jinvestigaw.

Is-suldati Mostin u Karkariżi, inħasdu x'ħin raw is-suldati Franċiżi quddiemhom. Min inxteħet il-baħar, oħrajn inħbew wara l-blat u l-pjan sfratta. Filgħodu nqabdu ħafna minnhom fosthom sittax-il Mosti. Fil-jiem ta' wara permezz ta' xi spiji arrestaw lil dawk kollha fil-Belt li kellhom sehem f'din il-konġura. Ġew arrestati wkoll il-kap Guliermu Lorenzi u Dun Mikiel Xerri.

Ftit tal-jiem wara dawn il-qalbiena ġew iffuċillati bla ħniena fil-Belt Valletta, fosthom sittax-il suldat Mosti.

Wara din il-ġrajja, il-Mostin komplew il-ġlieda tagħhom kontra l-Franċiżi sa l-aħħar, sakemm fis-sena 1800 il-gżejjer Maltin għaddew taħt il-ħakkiema Ingliżi.

Il-Kappillan Dun Feliċ, kellu sehem ukoll fid-difiża ta' Malta. Kien ir-rappreżentant tal-poplu Mosti fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi. Kien ġie elett ukoll fil-Kungress Nazzjonali għal ħelsien ta' Malta.

Bħala apprezzament għall-ħidma li wettaq, il-Gvern Ingliż onorah b'midalja tad-deheb bil-kitba '*Malta Liberata*' u ngħata wkoll pensjoni li gawdiha sakemm miet.

## *Fundatur tar-Rotunda*

Isem il-kappillan Dun Feliċ Calleja, hu marbut għal dejjem mal-bini tar-Rotunda monumentali tal-Mosta.

Maż-żmien il-Knisja l-qadima ta' Tumas Dingli, bdiet tinħass żgħira għal popolazzjoni li kienet laħħqet madwar 3,000 ruħ. Kien wara ħafna taħbit u ħsieb li l-Kappillan Calleja b'kuraġġ ta' sur qatagħha li kellha tinbena knisja ġdida u akbar. Il-poplu Mosti li kien fil-maġġoranza tiegħu fqir, kien ta' l-istess fehma u wiegħed kull għajnuna.

Kien wara li sar konkors fost bosta periti, li l-Kappillan Calleja għażel il-pjanta ta' l-arkitett inġinier Ġorġ Grognet de Vassè mill-Belt Valletta. Kienet pjanta ta' knisja kbira u tonda, b'koppla kbira u li l-għamla tagħha kienet tixbah lil dik tal-Pantheon ta' Ruma. Il-Kappillan Calleja mill-ewwel issaħħar fuq din il-pjanta. Kien f'dan it-

tempju Ruman li hu kien iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu.




*Id-disinn għar-Rotunda li tant għoġob lil Dun Feliċ, maħdum mill-arkitett Grognet*

*Ritratt: Joseph V. Sammut*

Kemm Calleja u kif ukoll Grognet sabu oppożizzjoni minn ħafna. Dan minħabba li l-istil tagħha ma kienx bħal tal-maġġoranza tal-knejjes Maltin. L-aktar li oppona kien l-Isqof Franġisku Saverju Caruana.

Kien hemm oħrajn li qalu li l-ġebla tal-franka ma kinitx ta' saħħa kbira biex tiflaħ it-toqol tal-koppla. Anki l-post fejn kellha tinbena kien suġġett jaħraq. Xi wħud xtaqu li l-knisja l-qadima ma tinħatx u l-ġdida tinbena f'post ieħor. Wara ħafna taħbit il-poplu fehem li l-knisja l-ġdida kellha tinbena madwar il-qadima.

Mill-ewwel il-kappillan waqqaf kumitat u ftit tal-jiem qabel il-festa ta' Santa Marija tas-sena 1832, saret l-ewwel laqgħa fejn ntgħażlu l-uffiċjali u l-membri. Saret ukoll it-talba għall-permess tal-bini lill-Isqof Caruana u lill-Gvernatur Ponsonby.

### *Kappillan qalbieni*

Dun Feliċ tħabat u bata ħafna biex il-ħolma tiegħu sseħħ. Wara li ra li kulħadd kien ta' fehma waħda u billi kien kbir fl-età, nhar l-20 ta' Jannar 1833, għamel it-testment tiegħu, għand in-Nutar F. Chetcuti.

Dun Feliċ kien jaf sewwa kemm trid flus biex tibni knisja kbira bħal dik. Kien għalhekk li fit-testment tiegħu ħalla bħala werrieta universali tiegħu l-fabbrika tal-bini tal-knisja l-ġdida. Minn barra somma kbira ta' flus, Dun Feliċ ħalla diversi raba' u bini, li wara kellhom ibiegħuh b'risq il-bini tar-Rotunda. It-testment tiegħu juri biċ-ċar l-imħabba kbira li kellu għal Parroċċa tal-Mosta, u l-ħeġġa li kellu biex jibni r-Rotunda.

Wara ħajja mill-aktar attiva, Dun Feliċ Calleja miet nhar l-20 ta' Frar 1833 fl-età ta' 82 sena. Kien ilu kappillan tal-parroċċa tagħna għal 36 sena sħaħ. Sfortunatament Dun Feliċ ma kellux ix-xorti li jara t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tar-Rotunda li tant xtaq li tinbena fil-Mosta.

Kif kien xieraq sarlu funeral solenni u wara ġie midfun fil-knisja l-qadima quddiem l-altar tal-Lunzjata. Meta tlesta l-bini tar-Rotunda, il-fdalijiet tiegħu ġew trasportati fil-kappella tal-Madonna tar-Rużarju. Fis-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor, fuq il-qabar tiegħu sar monument ta' l-irħam bil-mezzo bust tiegħu; xogħol ta' l-iskultur Taljan Sebastiano Spampinato.

Wara l-mewt tal-Kappillan Calleja, l-Isqof Caruana ħatar lil Dun Ġammarì Schembri mill-Mosta bħala l-kappillan il-ġdid tal-parooċċa. Schembri kien ilu aktar minn għaxar snin viċi u kuġitur tal-kappillan Calleja. Kien fl-10 ta' Marzu 1833, li ħa l-pussess tal-parroċċa u mill-ewwel beda l-ħidma tiegħu fost ħutu l-Mostin.

Il-Kappillan Schembri kien jaf sewwa bil-ħolma li kellu Calleja dik li jibni knisja ġdida. Wara ħafna preparamenti, il-Ħamis 30 ta' Mejju 1833, waqt ċerimonja solenni fil-pjazza tal-Mosta, Mons. Salv Lanzon, arċidjaknu tal-Katidral u Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Malta, qiegħed u bierek l-ewwel ġebla ta' dik il-knisja kbira li kellha tkun il-glorja tagħna l-Mostin u tal-gżejjer Maltin. Għalhekk bir-raġun kollu isem il-Kappillan Dun Feliċ Calleja sa jibqa' mniżżel b'ittri kbar tad-deheb fl-istorja glorjuża tal-parroċċa tagħna bħala l-fundatur u benefattur kbir tar-Rotunda monumentali tal-Mosta, illum santwarju ta' Marija Assunta.

*Referenzi*
E.B. Vella u oħrajn, *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha*, Malta 1972, pp. 106-16, pp. 121-217.